**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 27/14(21_01_14).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' Jannar 2014, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużati kien hemm is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier u s-Sur Paul Parnis - Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fl-14 ta' Jannar 2014.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Sejħiet għall-offerti: MXR/001/2013 sa MXR/008/2013.
6. Il-Laqgħa tal-Lokalità 2014.
7. Proġetti li qed isiru fil-Lokalità.
8. Applikazzjoni għall-pożizzjoni ta' Skrivan/a.
9. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.
10. Rapport tas-Sindku.
11. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
12. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
13. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 34/2013 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Sejħiet għall-Offerti / Kuntratti dwar Manutenzjoni tad-Dawl fit-Toroq'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 01/2014 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Għeluq tas-Sena Finanzjarja'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 02/2014 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Applowdjar ta' Dokumenti fuq is-Sit www.lc.gov.mt'.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 3/2014 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Kuntratti u / jew Sejħiet għall-Offerti tal-Kunsilli Lokali dwar Skart'.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva talba mingħand sid il-Ulysses Aparthotel ta' Triq il-Ġostra, Ix-Xlendi sabiex issirlu bankina quddiem il-lukanda tiegħu. Peress li din hija bankina ġdida, il-Kunsill kien se jirreferi din it-talba lit-Taqsima tas-CMU.

3.02 Il-Kunsill irċieva *flyer* maħruġ mill-Kunsill Lokali Ta' Sannat u l-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali dwar servizz ta' *Customer Care* tas-Sigurtà Soċjali mill-Kunsill Lokali Ta' Sannat.

3.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kunsill tal-Volontarjat fejn qed tintbagħat korrispondenza għal-laqgħat li jixtiequ li jsiru mill-Kunsill tal-Volontarjat ġewwa l-Kunsill Lokali għall-għaqdiet volontarji tal-lokal.

3.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEUSAC rigward laqgħat ta' informazzjoni dwar Erasmus+. L-Erasmus+ joffri opportunitajiet lill-Kunsilliera lokali u liċ-ċittadini involuti fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ li jattendu għal korsijiet, taħriġ u skambji barra minn Malta. Il-programm ta' finanzjament joffri wkoll kofinanzjament għal skambji taż-żgħażagħ. Se jiġu organizzati laqgħat ta' informazzjoni dwar dan.

3.05 Il-Kunsill irċieva talba mingħand persuna fi Triq San Pawl, Il-Munxar sabiex issir bankina. Peress li hija bankina ġdida, din it-talba se tiġi rreferuta lit-Taqsima tas-CMU.

3.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-GUG Gozo fejn qed jinformaw lill-Kunsill li se jiġi organizzat il-'Gozo Week' bejn l-10 u l-14 ta' Marzu 2014, fl-Università ta' Malta. Huma qed joffru spazji fi *stand* għal waqt din il-'Gozo Week' sabiex jippromovu l-attivitajiet u xogħlijiet.

3.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-i*Schemes Unit* tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 94/2010 dwar il-proġett ta' pavimentar tal-passaġġ tax-Xtajta tax-Xlendi. Il-Kunsill diġà kiteb lid-Dipartiment u fir-rigward ta' dan il-proġett, wara żmien twil tal-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-passaġġ tal-Għar ta' Karolina, il-MEPA rrifjutat il-permess. Għalhekk il-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi ttrasferixxa, bl-approvazzjoni tad-Dipartiment il-fondi fuq proġett ieħor, il-passaġġ ta' taħt Triq San Xmun.

Sakemm inġabu l-permessi neċessarji għal dan ix-xogħol, kien wasal biex jibda l-istaġun sajfi. Għalhekk il-Kumitat Amministrattiv ma setax jibda x-xogħlijiet peress li l-istess MEPA tipprojbixxi kull xogħol bejn il-15 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru f'postijiet turistiċi.

Fid-dawl ta' dan, ix-xogħlijiet waslu fl-istadju imminenti li jibdew, fejn ix-xogħlijiet ser ikunu lesti fl-ewwel xhur tas-sena 2014.

3.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-i*Schemes Unit* tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 7/2010 – Skema dwar Aċċessibiltà Aħjar fil-Lokalitajiet. Il-Kunsill kien imwiegħed is-somma ta' €10,000 u b'effett immedjat din l-iskema ngħalqet u l-fondi mhumiex disponibbli aktar. Il-Kunsill ma setax jutilizza dawn il-fondi minħabba li l-perit ma setax jipproponi proġett b'ammont ta' €10,000 biss.

3.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand persuna fejn qed tilmenta dwar l-indafa tal-latrina pubblika li hemm fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina. Is-Sindku diġà ltaqa' maż-żewġ ħaddiema u s-*supervisor* li jieħdu ħsieb l-indafa ta' din il-latrina.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 27/14(21_01_14).

**5.00 Sejħiet għall-offerti: MXR/001/2013 sa MXR/008/2013.**

5.01 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar l-Offerta MXR/001/2013 – Knis ta' Toroq fix-Xlendi. Il-kaxxa tal-offerti ngħalqet u nfetħet fis-27 ta' Novembru 2013 u nstabu żewġ offerti:

1. Saviour Xiberras
2. John Gauci

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li matul is-sena l-oħra kien irċieva diversi rapporti li mhuwiex inaddaf xi toroq kuljum. Ġie mistoqsi jekk intbagħtux xi *default notices*, is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dejjem ċempel u l-Kuntrattur jieħu ħsieb dak l-ilment. Ġie deċiż li l-Kunsill jerġa' jiddiskuti din it-*tender* fl-laqgħa oħra.

5.02 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar l-Offerta MXR/002/2013 - *Construction of Several Pavements with Low Life Cycle Environment Impacts*. Il-kaxxa tal-offerti ngħalqet u nfetħet fis-27 ta' Novembru 2013 u nstabu żewġ offerti:

1. John Gauci
2. Paul Sultana

Il-Kunsill qabel unanimament li l-offerta tingħata lil Paul Sultana peress li kienet l-orħos offerta.

5.03 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar l-Offerta MXR/003/2013 – Servizz ta' Perit għal Proġetti tal-Kunsill. Il-kaxxa tal-offerti ngħalqet u nfetħet fis-27 ta' Novembru 2013 u nstabu erba' offerti:

1. Neil Felice
2. John Saliba
3. Alexander Bigeni
4. Clint Camilleri

Il-Kunsill ser jerġa' jiddiskuti din l-offerta fl-laqgħa oħra.

5.04 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar l-Offerta MXR/004/2013 – *Hiring of Environmentally Friendly Plant and Machinery*. Il-kaxxa tal-offerti ngħalqet u nfetħet fis-27 ta' Novembru 2013 u nstabu żewġ offerti:

1. William Xuereb
2. A&E Mintoff

Il-Kunsill ser jerġa' jiddiskuti din l-offerta fl-laqgħa oħra.

5.05 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar l-Offerta MXR/007/2013 - *Patching/Resurfacing Works.* Il-kaxxa tal-offerti ngħalqet u nfetħet fis-27 ta' Novembru 2013 u nstabet offerta waħda:

1. Road Construction Co. Ltd.

Is-Segretarju Eżekuttiv kien ser ikellmu biex jara jistax iraħħas il-prezz peress li din kienet l-unika offerta.

5.06 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar l-Offerta MXR/008/2013 - Servizz ta' *Handyman*. Il-kaxxa tal-offerti ngħalqet u nfetħet fis-27 ta' Novembru 2013 u nstabu ħames offerti:

1. Saviour Xiberras
2. Chris Gauci
3. Carmel Curmi
4. Paola Spiteri
5. Anthony Mintoff

Is-Segretarju Eżekuttiv se jiċċekkja mal-kuntratt jekk din l-offerta tistax tingħata lil aktar minn Kuntrattur wieħed peress li mhux kulħadd għandu l-istess sengħa ta' xogħol.

**6.00 Il-Laqgħa tal-Lokalità 2014.**

6.01 Skont l-artiklu 70 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Att Nru. XV tal-1993), se jsiru żewġ laqgħat pubbliċi annwali nhar it-Tnejn, l-10 ta' Marzu 2014.

- Il-laqgħa għall-persuni mill-Munxar li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali għall-Kunsill Lokali Il-Munxar se ssir fil-5.00pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar.

- Il-laqgħa għall-persuni mir-raħal żgħir tax-Xlendi li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali għall-Kunsill Lokali Il-Munxar se ssir fis-6.00pm fil-Lukanda St. Patrick's, Ix-Xlendi.

Il-persuni kollha li jidhru fir-Reġistru Elettorali Lokali huma mħeġġa li jattendu għal din il-laqgħa u jipparteċipaw fid-diskussjoni. Waqt il-laqgħa jingħata rendikont tar-rapport tax-xogħlijiet li saru mill-Kunsill matul l-2013. Il-membri tal-pubbliku li jattendu l-laqgħa jistgħu jressqu s-suġġerimenti tagħhom.

**7.00 Proġetti li qed isiru fil-Lokalità.**

7.01 Ix-xogħol fil-Pjazza tal-Knisja għaddej b'ritmu mgħaġġel u issa li s-servizz tad-dawl, drenaġġ u ilma nbidlu jew tranġaw, beda jsir xogħol ta' tindif sabiex titqaxxar l-art u ssir is-sodda fil-konkos. L-Inġinier ta' Galea Curmi Engineering Consultants Ltd. qed jiddisinja fejn ġej id-dawl taz-zuntier u tal-pjazza. Il-Perit Clint Camilleri qed jissolvelja dawn ix-xogħlijiet. Waqt li kien qed isir il-*culvert* għall-ilma, instabet il-bokka tax-*shelter*. Issa din ser tibqa' miftuħa sabiex 'il quddiem il-Kunsill inaddaf dan ix-*shelter*.

7.02 Ix-xogħlijiet tat-toroq tal-iskema tal-PPP huma wieqfa peress li fi Triq il-Kavallieri nstab li l-*main* tad-drenaġġ mhuwiex jiffunzjona u jrid jinbidel. Fi Triq Ta' Rinota trid issir fergħa tad-drenaġġ li se tirċievi d-drenaġġ mit-triq il-ġdida. Triq ir-Rumani ġiet ippakkjata mill-ġdid u qed nistennew il-livelli mingħand il-MEPA.

7.03 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-Uffiċjal tad-Drenaġġ biex jiġi diskuss minn fejn se jgħaddi l-*main* tad-drenaġġ li se jirċievi s-servizzi tal-blokk ta' *flats* tal-*ex*-Andar Hotel. L-Uffiċjal tad-Drenaġġ qed jipproponi li dan il-*main* se jgħaddi minn nofs Ġnien Ragalna. Il-Kunsill talbu jieħu l-livelli sabiex jiġi kkunsidrat jistax jgħaddih minn tarf il-ġnien minflok minn nofs il-ġnien.

**8.00 Applikazzjoni għall-pożizzjoni ta' Skrivan/a.**

8.01 Il-Kunsill kien ser isib ġurnata sabiex isiru l-intervisti.

**9.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.**

9.01 Dawn ġew diskussi f'*item* 7.

**10.00 Rapport tas-Sindku.**

10.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fil-laqgħa mal-*Paying Office* ġejna infurmati li 20% tal-proġett se jsir il-ħlas xħin jiġi *audited* ix-xogħol li jkun tlesta.

10.02 Fir-Reġjun Għawdex qed ikun diskuss l-i*street lightning*. Is-Sindki ser iżuru r-Reġjun ta' Emilia.

10.03 Fil-*Parking* tax-Xlendi, kien hemm palma li kienet qed tmut u l-għada sparixxiet. Huwa rrapporta dan lid-Direttur, Proġetti u Żvilupp u lid-Dipartiment tal-Agrikultura, fejn huma qed jitolbu sabiex is-Sindku jagħmel rapport lill-Pulizija, iżda qabel irid jiġi stabbilit jekk il-*parking* jaqax taħt ir-responsabbiltà tal-Gvern Ċentrali jew tal-Kunsill.
Is-Sindku ltaqa' mal-*cleaners* flimkien mas-*supervisor* tal-latrini ta' Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina.
L-Uffiċjal Inkarigat minn Eco-Gozo talab il-kontijiet ta' xogħlijiet li diġà saru fil-Pjazza tal-Knisja.

**11.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

11.01 L-Inġinier ta' Galea Curmi Engineering Consultants Ltd. ippreżenta lista ta' xogħlijiet ta' *conduit* u toqob li hemm bżonn li jsiru fuq iz-zuntier u fl-art tal-Pjazza tal-Knisja. Inġabru żewġ stimi li huma:

1. Chris Gauci – prezz ta' €850 u materjal għall-Kunsill.
2. Road Construction Co. Ltd. – prezz ta' €1,135 u materjal għall-Kunsill.

Il-Kunsill għażel l-offerta ta' Chris Gauci.

11.02 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-*Accountant* Daniel Galea fejn wera x-xewqa li jagħti s-servizz ta' *accountant* lill-Kunsill tal-Munxar. Waqt laqgħa mas-Segretarju Eżekuttiv huwa spjega fid-dettall pjan ta' kif jista' jagħti s-servizzi tiegħu. Dwar prezz dan jiddependi minn x'tip ta' servizz jagħti. Il-Kunsill qabel.

11.03 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa jekk din is-sena l-Kunsill huwiex se jagħmel il-Karnival peress li qed isiru xogħlijiet fil-Pjazza tal-Knisja. Ġie deċiż li l-Karnival isir is-Sibt, 1 ta' Marzu 2014, fis-1 ta' waranofsinhar.

**12.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

12.01 Is-Sinjura Carmen Said fakkret lill-Kunsill dwar il-monument tal-Professur Ġużè Aquilina, peress li l-Ministeru għal Għawdex wiegħed li se jgħin f'dan il-proġett. Għaldaqstant, issa jmiss li l-Kunsill jagħmel laqgħa mal-iskultur Joseph Farrugia.

Il-bozza l-ġdida ta' Triq il-Kappar twaħħlet u talbet sabiex issa ssir manutenzjoni tal-arbli u bozoz ta' Triq ix-Xlendi.

12.02 Is-Sur Robert Mallia ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar ħitan tas-sejjieħ li hemm imwaqqgħa fi Triq Żgħawri u ankè dwar il-kundizzjoni tal-wiċċ tat-triq.

12.03 Is-Sur Ryan Debrincat semma li r-*railing* fejn l-*ex*-Andar Hotel sar iżda l-imbarazz għadu ma tnaddafx.

**13.00 Materji oħra.**

13.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kellu żewġ talbiet sabiex isiru xogħlijiet bil-konkos, rampa li tagħti għall-wied fi Triq Kolaċi u parti minn Triq Żgħawri. Kien hemm qbil dwar dan.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Frar 2014, fis-2.00 ta' waranofsinhar.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***